MT

MT MT

KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 20.5.2008
KUMM(2008) 321 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Nindirizzaw l-isfidi taż-żieda kontinwa fil-prezzijiet ta' l-ikel
Direzzjonijiet għall-azzjoni ta' l-UE**

MT MT

**WERREJ**


1. Introduzzjoni ..... 4

3. Il-kawżi ewlenin tal-prezzijiet għolja ta' l-ikel: fatturi temporanji u strutturali ..... 4

4. Il-perspettiva għat-terminu medju ..... 6

5. L-impatt fi ħdan l-UE ..... 7

6. L-impatt fil-livell globali ..... 8

7. Elementi għal rispons ta' l-UE ..... 9

8. Konklużjonijiet ..... 13

## 1. INTRODUZZJONI

Għal tletin sena, il-prezzijiet ta' l-ikel kemm fl-Ewropa kif ukoll madwar id-dinja naqsu f'termini reali. Din ix-xejra inqalbet matul dawn l-aħħar xhur b'żieda qawwija 'il fuq fil-prezzijiet tal-prodotti agrikoli bażiċi fid-dinja.

Iż-żieda fil-prezz affettwat bosta prodotti fl-istess ħin. Iċ-ċereali, il-laħam, u l-prodotti tal-ħalib kollha żdiedu fil-valuri b'żewġ u saħansitra tliet ċifri f'inqas minn sena. L-ammont u r-rata taż-żieda fil-prezzijiet iġġeneraw żbilanċi mikroekonomiċi fid-dinja kollha. Il-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-popolazzjonijiet l-iktar vulnerabbli intlaqtu b'mod disproporzjonat. Miljuni ta' nies li jgħixu fil-faqar estrem qed jiffaċċjaw il-ġuħ u l-malnutrizzjoni.

Fl-Unjoni, iż-żieda fil-prezzijiet ta' l-ikel laħqet is-7% f'Marzu 2008. Għall-konsumaturi Ewropej, l-effetti tal-prezzijiet ta' l-ikel dejjem jogħlew ġew aggravati biż-żidiet kontemporanju fil-prezzijiet ta' l-enerġija. Is-saħħa ta' l-akkwist tal-familji naqas u huma dawk is-16% ta' l-Ewropej li qed jgħixu taħt il-limitu tal-faqar li huma l-iktar esposti.

## 2. ŻIEDA QAWWIJA F'DAQQA FUQ FIRXA WIESGĦA TA' PRODOTTI AGRIKOLI

It-treġġiegħ lura ta' tliet deċennji ta' prezzijiet agrikoli jonqsu (f'termini reali), il-prezzijiet ta' għadd ta' prodotti bdew moviment 'il fuq fl-2006. Dawn żdiedu b'mod drastiku fit-tieni parti ta' l-2007 sakemm laħqu l-ogħla livell fl-ewwel xhur ta' l-2008.

***Iż-żieda kienet qawwija u affetwat firxa wiesgħa ta' prodotti fl-istess ħin.*** Bejn Settembru 2006 u Frar 2008, il-prezzijiet ta' prodotti agrikoli tad-dinja għolew b'70% f'termini ta' dollari. B'mod partikolari żidiet qawwija kkonċernaw il-prezzijiet tal-qamħ, il-qamħirrum u r-ross kif ukoll prodotti tal-ħalib[1]. Il-prezzijiet ta' referenza għas-swieq dinjin fil-bidu ta' Frar 2008 meta mqabbla ma' l-istess xhar fl-2007 kien f'din l-ordni ta' kobor: + 113% għall-qamħ ta' l-Istati Uniti kontra + 93% għall-qamħ ta' l-UE; + 83% għall- fażola tas-sojja ta' l-Istati Uniti; + 52% għar-ross tat-Tajlandja, + 24% għall-qamħirrun ta' l-Istati Uniti. Minn Frar, il-prezzijiet ta' referenza għar-ross (il-prezz ta' esportazzjoni tat-Tajlandja) irdoppja, u sar iktar minn 1000 dollaru ta' l-Istati Uniti/tunnellata fl-aħħar ta'April. Il-laħam, bħat-tjur, u ż-żjut veġetali wkoll irreġistraw żieda qawwija fil-prezzijiet. Fl-Ewropa, prezzijiet għall-prodotti tal-qamħ u l-ħalib żdiedu b'96% u 30% rispettivament bejn Settembru 2006 u Frar 2008.

***Dan l-aħħar, kienet osservata inflessjoni 'l isfel tax-xejra,*** ikkawżata minn tnaqqis fil-prezz taċ-ċereali u l-prodotti tal-ħalib. Meta mqabbla ma' l-ogħla prezzijiet tagħhom reċenti, il-prezzijiet fl-UE naqsu b'25% għall-qamħ u b'35% għall-butir. Il-prezzijiet tar-ross komplew jiżdiedu, ukoll minħabba d-diffikultajiet ta' esportazzjoni imposti minn pajjiżi produtturi ewlenin tar-ross bħall-Vjetnam, it-Tajlandja, l-Indja u ċ-Ċina biex jevitaw skarsezza domestika. Minħabba l-volatilità tas-sitwazzjoni u n-natura konfliġġenti tax-xejriet, il-moviment fil-prezziijiet ser jiġi segwit mill-qrib fix-xhur li ġejjin.

[1] Xi uħud mill-prodotti, bħaz-zokkor, komplew jonqsu fil-prezz.

## 3. IL-KAWŻI EWLENIN TAL-PREZZIJIET GĦOLJA TA' L-IKEL: FATTURI TEMPORANJI U STRUTTURALI

***Il-movimenenti tal-prezzijiet osservati huma r-riżultat ta' taħlita kumplessa kemm ta' fatturi strutturali kif ukoll iktar temporanji.*** Filwaqt li hemm qbil dwar liema fatturi huma rilevanti, il-fehmiet ivarjaw f'dak li jirrigwarda l-importanza relattiva tagħhom. Iktar minn hekk, il-livell li fih kull fattur ifisser żidiet fil-prezzijiet ivarja skond il-prodott u r-reġjun. Ir-raġuni għal dawn iż-żidiet fil-prezzijiet tal-qamħ u r-ross huma sostanzjalment differenti minn dawn tal-qamħirrun u s-sojja. Ta' l-ewwel ġew iddeterminati ħafna minn kwistjonijiet fuq in-naħa tal-provvista. Fil-każ ta' dawn ta' l-aħħar, it-tkabbir fid-domanda kellu rwol ewlieni. Fatturi min-naħa tal-provvista jidhru li kkawżaw iktar tibdil fil-prezzijiet minn dak ikkawżat minn żieda fid-domanda.

Ħarsa lejn il-promoturi strutturali tal-bidliet fis-suq, matul dawn l-aħħar snin ***żieda kontinwa fid-domanda għall-prodotti bażiċi u għal ikel b'valur iktar għoli jista' jkun osservat minn ekonomiji emerġenti, bħaċ-Ċina, il-Brażil u l-Indja.*** Dan huwa kkawżat minn rati rekord ta' tkabbir ekonomiku, urbanizzazzjoni u tibdil fit-tendenzi ta'dieta (notevolement għal-laħam: pereżempju llum, il-konsumaturi Ċiniżi jieklu 50kg laħam fis-sena, meta mqabbel ma' biss 20 kg fl-1985). F'termini iktar wiesa', it-tkabbir fil-popolazzjoni dinjija, notevolment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, ikkontribwixxa wkoll għat-tkabbir fid-domanda għall-ikel.

***Il-prezzijiet għolja ta' l-enerġija wkoll qed jaffettwaw il-prezzijiet agrikoli.*** Skond xi analisti, iż-żidiet fil-prezzijiet ta' l-enerġija għandhom impatt iktar sinjifikanti fuq il-prezzijiet ta' l-ikel minn żidiet fil-prezz tal-prodotti agrikoli. Dawn qed jaffettwaw il-prezzijiet ta' l-ikel b'mod dirett, billi jżidu l-prezz tal-fornimenti, bħall-fertilizzanti, pestiċidji u dijżil, kif ukoll fl-ispejjeż ta' proċessar u trasportazzjoni. Il-prezz tal-fertilizzant tan-nitroġenu żdied b'350% mill-1999, l-iktar minħabba l-ispejjeż ta' fjuwil. L-ispejjeż tat-tagħbija wkoll żdiedu b'mod sinjifikanti. Indirettament, iż-żieda mgħaġġla fil-prezzijiet taż-żejt mhux maħdum ukoll iżżid id-domanda għall-bijofjuwils, minħabba li dawn isiru alternattiva vijabbli għall-fjuwils fossili.

Id-domanda għal prodotti agrikoli hija wkoll infuwenzata mill-***emerġenza ta' mezzi kummerċjali alternattivi, b'mod partikolari is-suq tal-bijofjuwils.*** L-analiżi tal-Kummissjoni tindika li l-produzzjoni attwali tal-bijofjuwils ta' l-UE ftit li xejn għandha impatt fuq il-prezzijiet ta' l-ikel globali, minħabba li l-bijofjuwils jużaw inqas minn 1% tal-produzzjoni taċ-ċereali ta' l-UE. Il-Kunsill Ewropew qabel dwar mira ta' 10% ta' bijofjuwils għall-fjuwil għat-trasport sa l-2020: tul ta' żmien daqshekk twil sakemm dan jiġi implimentat ifisser li x'aktarx dan ma jkollux impatt fuq il-prezzijiet illum u l-kriterji ta' sostenibbiltà proposti mill-Kummissjoni ser itaffu l-impatt fil-futur. Min-naħa l-oħra, il-politika proattiva segwita mill-Istati Uniti kellha impatt notevoli fuq is-suq tal-qamħirrun, imma s'issa baqgħet kontributur relattivament moderat għall-prezzijiet għolja ta' l-ikel inġenerali. Il-produzzjoni tal-bijoetanolu fl-Istati Uniti hija meqjusa li tassorbi madwar 25% tal-produzzjoni nazzjonali tal-qamħirrun.

Xi fatturi strutturali wkoll qed inaqqsu l-potenzjal tal-provvista. Dawn jinkludu ***t-tnaqqis fit-tkabbir tal-prodotti taċ-ċereali għall-ikel***, li tikkonċerna b'mod partikolari l-produtturi Ewropej, imma tirrifletti wkoll parzjalment snin ta' nuqqas ta' investiment fl-agrikoltura fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Barra minn hekk, l-analiżi ***tat-tibdil fil-klima*** tindika li x-xejriet klimatiċi mhux tas-soltu x'aktar ser isiru iktar varjati, b'konsegwenzi possibbli fil-volatilità tal-produzzjoni agrikola minħabba diffikultajiet fil-provvisti minħabba l-klima.

Filwaqt li fatturi strutturali jistgħu jammontaw għal terminu itwal iżda tibdil gradwali fil-bilanċ tas-suq, u fatturi temporanji saħħew id-direzzjoni u r-rata tat-tibdil, u jikkawżaw il-qabża tal-prezzijiet f'salt.

***Kundizzjonijiet ħżiena tat-temp laqtu numru ta' pajjiżi produtturi u esportaturi ewlenin, li wassal għal ħsad partikolarment baxx.*** Pereżempju, l-Awstralja soffriet tliet perjodi ta' nixfa fl-aħħar sitt staġuni, li rriżulta fi tnaqqis ta' 50% fil-produzzjoni fl-2006. Id-diffikultajiet fil-provvista taċ-ċereali relatati mal-klima fl-Amerika ta' fuq, fl-Ewropa u fl-Awstralja fl-2006 kienu ta' iktar minn 60 miljun tunnellata, erba' darbiet iktar miż-żieda fl-użu taċ-ċereali għall-etanolu f'dawn il-pajjiżi. Minħabba l-livell storikament baxx tal-ħażniet internazzjonali, iż-żieda fil-prezzijiet tal-prodotti agrikoli ma ġewx protetti mir-rilaxxi ta' ħażniet. Skond il-previżjoni tal-FAO, il-ħażniet dinjin taċ-ċereali ser jinżlu għall-inqas livell f'25 sena ta' 405 miljun tunnellata fl-2007/2008, tnaqqis ta' 21 miljun tunnellata, 5%, mil-livell diġà mnaqqas tas-sena ta' qabel. Il-ħażniet ta' intervenzjoni ta' l-UE qed jispiċċaw.

***Barra minn hekk, l-iżviluppi fis-swieq finanzjarji kellhom l-impatt tagħhom.*** L-investituri li jispekulaw fis-swieq finanzjarji marbutin mal-prodotti bażiċi saħħew l-attività tagħhom biex jilqgħu kontra r-riskju ta' ċaqliq fil-prezzijiet jew l-użu ta' l-eċċess ta' likwidità wara l-kriżi tas-suq finanzjarju. Dawn l-attivitajiet iwasslu għal żieda fil-prezzijiet u l-volatilità fuq is-swieq relatati mal-prodotti bażiċi u fuq is-swieq ta' dak li huwa disponibbli u jżidu l-evoluzzjonijiet bażiċi tal-prezzijiet. L-effett tagħhom fit-tul fuq il-prezzijiet jibqa' inċert.

– ***Id-deprezzament tad-dollaru ta' l-Istati Uniti*** kkontribwixxa wkoll għaż-żieda fil-prezzijiet. L-effetti tar-rata tal-kambju żiedu ma' l-impatt mhux bilanċjat taż-żidiet fil-prezzijiet. Erba' pajjiżi li l-munita tagħhom hija marbuta ma' l-Euro (pereżempju pajjiżi FCFA fl-Afrika tal-Punent u fl-Afrika Ċentrali) l-effetti negativi kienu imtaffija xi ftit. Il-pajjiżi li l-munita tagħhom qed tiddeprezza intlaqtu b'mod partikolarment iebes.

– ***Xi pajjiżi li jesportaw qed jiffaċċjaw iż-żieda fil-prezzijiet b'politika restrittiva ta' esportazzjoni.*** L-Indja introduċiet projbizzjonijiet fuq l-esportazzjoni, il-Vjetnam u t-Tajlandja l-limiti fuq l-esportazzjoni tar-ross, l-Indoneżja t-taxxi fuq l-esportazzjoni taż-żejt tal-palma, il-Każakstan projbizzjoni ta' l-esportazzjonijiet tal-qamħ. Dawn it-taxxi u l-projbizzjonijiet fuq l-esportazzjoni huma maħsuba biex jipproteġu s-swieq domestiċi minn diffikultajiet fil-provvisti u mill-effetti tal-kriżijiet fil-prezzijiet fuq terminu qasir. Madankollu, jillimitaw iktar is-swieq agrikoli internazzjonali għad-detrimentspeċjalment tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw li jimportaw l-ikel. Fuq terminu medju, dan it-tip ta' restrizzjonijiet jibagħtu sinjal żbaljat tas-suq, billi jnaqqsu l-inċentivi għall-bdiewa biex jinvestu u jżidu l-produzzjoni u jikkontribwixxu għall-iżbilanċ fis-swieq reġjonali.

L-effett ta' dawn l-iżviluppi kollha flimkien fuq il-prezzijiet agrikoli huwa iktar aggravat min-nuqqas ta' elastiċità relativa tal-provvista u d-domanda ta' prodotti agrikoli fuq terminu qasir. Il-produzzjoni agrikola hija staġonali, b'perjodu ta' żmien bejn is-sinjali tas-suq u r-reazzjoni tal-produtturi. Fi snin reċenti kien hemm investiment insuffiċjenti fl-agrikoltura fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Fl-aħħarnett, sehem relattivament żgħir ta' produzzjoni globali jidħol fis-swieq agrikoli dinjin (16% tal-produzzjoni dinjija tal-qamħ tiġi mibjugħa fis-suq, 8% tal-prodotti tal-ħalib u 7% tar-ross), u dejjem iktar, dan ġej minn numru żgħir ta' pajjiżi esportaturi.

## 4. IL-PERSPETTIVA GĦAT-TERMINU MEDJU

Il-prezzijiet agrikoli huma suġġetti għal varjazzjonijiet ċikliċi Matul dan l-aħħar seklu, għaddew minn bosta perjodi li laħqu logħla livell. Id-domanda ewlenija hija jekk din id-darba l-aġġustament tax-xejra 'l isfel hijiex ser tkun biżżejjed biex telimina ż-żidiet ta' qabel jew jekk aħniex deħlin fi żmien ta' prezzijiet ta' livelli għolja persistenti għal prodotti agrikoli bażiċi.

***L-analiżi kollha jindikaw li l-prezzijiet għolja ta' l-ikel m'humiex fenomenu temporanju iżda x'aktarx jippersistu fuq terminu medju,*** għalkemm mhux fil-livelli rekords li ntlaħqu reċentement. Iż-żidiet reċenti fil-prezzijiet tal-prodotti bażiċi ġew assoċjati ma' xi fatturi temporanji, b'mod partikolari diffikultajiet relatati mat-temp. Għalhekk, ir-ritorn għall-medja ta' ħsad għandu jtaffi s-sitwazzjoni kritika fis-swieq agrikoli u jikkontribwixxi għal prezzijiet orħosta' l-ikel. Madankollu, il-firxa li fiha xi fatturi sottostanti huma strutturali u li jdumu ħafna, x'aktarx ikun hemm kontinwazzjoni fl-iżbilanċ bejn id-domanda dinamika għat-tkabbir u ż-żidiet fil-provvista.

***Dan kollu jfisser li l-prezzijiet ta' l-ikel x'aktarx ma jerġgħux jaqgħu lura għal-livelli ta' qabel il-kriżi fit-terminu qasir jew medju.*** Skond il-previżjonijiet li saru minn FAPRI u l-OECD, jekk il-kundizzjonijiet tal-klima jerġgħu lura għan-normal u jkun hemm provvista normali, il-prezzijiet tal-prodotti bażiċi - f'termini nominali - matul it-terminu medju ser ikunu ta' medja oogħla mil-livelli li kienu matul dawn l-aħħar għaxar snin. Kwalunkw tnaqqis fit-terminu qasir x'aktarx li ma jdumx.

It-titjib teknoloġiku, iż-żidiet fil-ħsad u l-espansjoni taż-żona ta' produzzjoni jistgħu jikkontribwixxu biex tintlaħaq id-domanda għat-tkabbir u tnaqqas iż-żieda fil-prezzijiet. Madankollu, anke jekk ikun hemm kundizzjonijiet klimatiċi tajbin u kostanti, għadd ta' fatturi ser jillimitaw ir-rata li fiha l-produzzjoni tista' tlaħħaq mad-domanda. Fatturi bħad-disponibbiltà ta' l-art, l-ilma, il-prezzijiet ta' fornimenti għall-agrikoltura, l-innovazzjoni teknoloġika u l-investiment ser jillimitaw l-ambitu taż-żidiet fil-produttività.

## 5. L-IMPATT FI ĦDAN L-UE

***Il-prezzijiet dejjem jiżdiedu tal-prodotti bażiċi kkontribwew għal inflazzjoni ta' bażi iktar ogħola ta' l-ikel fl-UE.*** L-inflazzjoni ta' bażi fl-UE żdiedet minn 1.9% f'Awissu 2008 sa 3.8% f'Marzu 2008. L-inflazzjoni ta' l-ikel (minbarra l-alkoħol u t-tabakk) żdiedet minn 2.7% sa 6.9%. Bl-istess mod, l-inflazzjoni ta' l-enerġija żdiedet minn -0.6% sa 10.9%.

***Madankollu, it-trażmissjoni għall-prezzijiet tal-konsumatur ġiet limitata minn tliet fatturi:.*** (i) l-apprezzament ta' l-euro; (ii) is-sehem dejjem jonqos ta' materja prima agrikola fl-ispejjeż ta' produzzjoni ta' l-ikel meta mqabbel ma' l-ispejjeż ta' l-enerġija u l-produzzjoni (l-iktar minħabba żieda fl-ipproċessar) u (iii) is-sehem baxx ta' l-ikel fl-infiq totali tal-familji (illum il-familja medja fl-UE-27 tonfoq madwar 14% tad-dħul totali tagħha fuq ikel). L-istruttura kompetittiva tal-katina tal-provvista ta' l-ikel, bħal-livell ta' konċentrazzjoni tas-setturi ta' bejgħ bl-imnut u d-distribuzzjoni, setgħet affettwat ukoll l-ammont u l-frekwenza varjati li fihom iż-żidiet tal-prezzijiet ta' materja prima ġew trażmessi lill-konsumaturi fi Stati Membri differenti.

Fil-każ tal-ħobż, l-ispejjeż tal-materja prima, il-qamħ, huwa biss ta' 5% ta' l-ispejjeż totali tal-produzzjoni, filwaqt li l-fatturi ta' spejjeż ewlenin huma x-xogħol, l-enerġija u l-kapital.

***L-inflazzjoni kienet ogħla għall-ikel ipproċessat*** (fejn il-prezzijiet tal-materja prima huma biss proporzjon żgħir) ***milli għall-ikel mhux ipproċessat*** (bħall-frott u l-ħaxix imma wkoll għal-laħam). Fl-UE, l-inflazzjoi fl-ikel ipproċessat (inkluż kategoriji bħall-'Ħobż u ċereali' u 'Ħalib, ġobon u bajd', imma bl-esklużjoni ta' l-alkoħol u t-tabakk) żdiedu minn 2.3% f'Lulju 2007 għal 9.4% f'Marzu 2008. L-inflazzjoni ta' l-ikel mhux ipproċessat ukoll żdiedet minn 2.6% f'Settembru 2007 sa 4.2% f'Marzu 2008. Iż-żieda kienet iktar gradwali u ta' ammont inqas meta mqabbla ma' l-ikel ipproċessat. Ir-raġuni għaliex l-ikel ipproċessat ġie affettwat iktar mill-ikel mhux ipproċessat hija minħabba li t-tipi ta' materji primi li ntużaw fl-ikel ipproċessat kienu dawk vulnerabbli għal żidiet fil-prezzijiet (f'termini ta' ikel, iżda wkoll f'termini ta' fornimenti oħra bħall-enerġija), filwaqt li l-ikel mhux ipproċessat bħall-ħaxix, il-frott, u l-ħut ma ġewx affettwati f'żidiet fil-prezz. F'dak li jirrigwarda l-laħam, dan jista' jiġi spjegat minn perjodu ta' żmien bejn l-ispejjeż iktar għolja tal-ġwież minħabba żieda fil-prezzijiet taċ-ċereali u konsegwenza tal-prezzijiet ogħla ta' produzzjoni ta' l-annimali.

Skond analiżi li saret f'dan il-qasam, iż-żieda medja fl-infiq tal-konsumaturi għall-ikel fl-UE-27 li kienet ġejja miż-żieda fil-prezzijiet tal-prodotti agrikoli bejn Frar 2007 u Frar 2008 hija ta' 5%, li tnaqqas is-saħħa ta' l-akkwist ta' familja medja ta' l-UE b'0.7%.

***L-effett taż-żieda fil-prezzijiet ta' l-ikel inħass b'mod differenti fl-Istati Membri u l-livelli tas-soċjetà f'kull Stat Membru.*** Il-varjazzjonijiet jistgħu jkunu marbuta mad-differenzi ta' l-Istati Membri f'termini ta' strutturi tas-suq, il-mudelli ta' konsum, il-livelli ta' dħul u n-nefqa tal-familja għall-ikel. Filwaqt li ż-żidiet fil-prezzijiet ta' l-ikel fl-UE-15 kienu madwar 5-7%, kienu ħafna iktar għolja fl-Istati Membri l-ġodda (21.8% fil-Bulgarija u 17% fl-Estonja). Dan jikkoinċidi ma' proporzjon oogħla ta' nefqa għall-ikel fil-baġits tad-djar. Il-perċentwali ta' nefqa għad-dar tvarja minn 9.06% fir-Renju Unit għal 41.87% fir-Rumanija. Barra minn hekk, 20% tad-djar l-iktar fqar jonfqu proporzjoni ħafna oogħla mill-baġit tagħhom għall-ikel. Pereżempju, fir-Rumanija dan jammonta għal 56.8%, fil-Litwanja 43.3%, fil-Bulgarija 42%, fil-Latvja 38.2%, fis-Slovakkja 30.7%, u fl-Ungerija 27.2%. Għalkemm f'xi pajjiżi ta' livell oogħla ta' dħul il-proporzjoni li jintnefaq fuq ikel mid-djar l-iktar fqar huwa sostanzjalment ogħla minn dak għal familja medja (27% fl-Italja, 23.8% fi Spanja, 19.9% fis-Slovenja, 20.2% fil-Greċja, 22.6% f'Ċipru, 16.2% fl-Irlanda, 14% fil-Ġermanja).

Il-prezzijiet dejjem jiżdiedu bbenefikaw lill-bdiewa ta' l-UE f'ċerti setturi, għalkemm f'ammont varjanti. Filwaqt li l-produtturi taċ-ċereali qed jibbenefikaw minn prezzijiet ogħla, il-produtturi tal-bhejjem huma affetwati b'mod negattiv miż-żieda fil-prezzijiet tal-ġwież. Il-prodotturi u dawk li jipproċessaw il-prodotti tal-ħalib ukoll ma jistgħux jibbenefikaw bis-sħiħ miż-żieda fil-prezzijiet dinjin minħabba d-diffikultajiet li hemm fuq iż-żieda ta' prodotti minħabba s-sistema ta' kwota implimentata.

## 6. L-IMPATT FIL-LIVELL GLOBALI

***L-impatt tal-prezzijiet ta' l-ikel dejjem jiżdiedu fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw jista' jwassal għal taħlita ta' riżultati fuq terminu qasir u twil.*** Dan l-aħħar, protesti vjolenti u rewwixti minħabba l-ikel fl-Amerika Latina, fl-Afrika u fl-Ażja juru effett immedjat u drammatiku tal-popolazzjonijiet l-iktar foqra tad-dinja, u qed ipoġġu f'riskju kbir bosta snin ta' progress fl-Għanijiet tal-Millenju għall-Iżvilupp. Fuq terminu itwal, il-prezzijiet dejjem jiżdiedu jistgħu jkunu opportunità biex tingħata għajnuna lill-komunitajiet rurali f'xi pajjiżi li qed jiżviluppaw sabiex joħorġu mill-faqar. Analiżi iktar mill-qrib turi li l-effetti jvarjaw b'mod sinjifikanti fil-pajjiżi iżda wkoll fi ħdan kull pajjiż.

***Il-pajjiżi li qed jiżviluppaw li s'issa m'humiex importaturi ta' l-ikel, bħall-Afrika iżda wkoll il-Filippini, l-Indoneżja u ċ-Ċina, huma dawk l-iktar milquta mill-kriżi.*** Pajjiżi dipendenti fuq l-għajnuna fl-ikel li huma wkoll importaturi ta' enerġija huma l-iktar vulnerabbli għal żidiet fil-prezzijiet. Skond l-FAO[2], l-ispiża ta' ċereali importati tal-pajjiżi l-iktar fqar fid-dinja hija prevista li tiżdied b'56% fl-2007/2008. Din wara żieda sostanzjali ta' 37% fl-2006/2007. Għall-pajjiżi ta' dħul baxx b'nuqqas ta' ikel fl-Afrika, l-ispiża taċ-ċereali hija prevista li tiżdied b'74%. Billi l-ikel jirrappreżenta s-sehem l-iktar importanti tan-nefqa ta' dawn il-pajjiżi, trażmissjoni ta' prezzijiet ogħla fl-ikel tfisser inflazzjoni ogħla, bil-possibbiltà ta' effetti makroekonomiċi negattivi fuq l-istabbiltà u/jew it-tkabbir permezz ta' politiki monetarji iktar stretti.

***Fix-xena dinjija, fil-livell aggregat, ir-rebbieħa huma pajjiżi esportaturi netti ta' l-ikel.*** Bħala prinċipju, esportaturi netti jistgħu jiggwadanjaw minn termini kummerċjali mtejba. Prezzijiet dinjin għolja għall-prodotti ta' l-ikel pereżempju li qed jibbenefikaw lill-Istati Uniti (il-qamħ, il-qamħirrun, ir-ross, is-sojja), l-Arġentina (il-qamħ, il-qamħirrun, ir-ross, is-sojja), il-Brażil (il-qamħirrun, ir-ross, is-sojja), il-Kanada (il-qamħ, iż-żerriegħa tar-rapa), il-Paragwaj (il-qamħirrun, is-sojja), l-Urugwaj (il-qamħirrun, ir-ross, is-sojja', ir-Russja (il-qamħ), it-Tajlandja (ir-ross, il-kassava) u l-Vjetnam (ir-ross), kif ukoll l-Awstralja. Madankollu, uħud minn dawn il-pajjiż introduċew restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni biex iżommu l-prezzijiet domestiċi baxxi. Dan huwa l-każ pereżempju għall-Arġentina, l-Eġittu, l-Indja, il-Pakistan, il-Kamboġja u l-Ukrajna. Hemm 20 pajjiż b'restrizzjonijiet simili fuq l-esportazzjoni.

***Ftit huma dawk li jiddubitaw li l-effett nett ta' benefiċċju fuq il-foqra tad-dinja huwa negattiv, b'mod partikolari fuq terminu qasir.*** Filwaqt li l-familji li huma bejjiegħa netti ta' l-ikel jistgħu jiggwadanjaw, l-familji li jixtru jbatu. Il-piż negattiv ta' l-inflazzjoni tal-prezzijiet huwa fuq il-popolazzjoni urbana fqira, kif ukoll mill-foqra rurali. Fiż-żoni rurali tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, hemm bosta xerrejja ta' ikel nett (bdiewa marġinali, ħaddiema rurali, familji li m'humiex bdiewa, familji mingħajr art li hume dipendenti fuq ir-rimessi eċċ.). Dan il-grupp jitlef iktar milli jiggwadanja. Bħala medja, f'pajjiż li qed jiżviluppa familja fqira tonfoq madwar 50-60% tal-baġit tagħha għall-ikel u 10% għall-enerġija. Nieħdu bħala eżempju familja fl-Afrika 'l isfel mis-Saħara li tgħix fuq $5 kuljum, jiġifieri li $3 jintużaw għall-iel, $0.5 għall-enerġija u $1.5 għal infiq ieħor. Żieda ta' 50% fil-prezzijiet ta' l-ikel tfisser li n-nefqa ta' kuljun ta' dik il-familja għal bżonnijiet mhux relatati ma' l-ikel ser ikollha tonqos b'$1.5. Fuq terminu qasir, jekk il-prezzijiet għadhom ma wasslux biex ikun hemm nuqqas ta' ikel, kienu jfissru iktar faqar, malnutrizzjoni u żieda fil-vulnerabbiltà għal iktar xokkijiet esterni. Skond stimi preliminarji mill-Bank Dinji, iż-żieda fil-prezzijiet ta' l-ikel tista' tpoġġi lil madwar 100 miljun persuna f'faqar iktar gravi.

***Fit-terminu medju u fit-tul. il-prezzijiet li qed jiżdiedu qed joffru opportunitajiet ġodda ta' ġenerazzjoni ta' dħul għall-bdiewa*** u jistgħu jsaħħu l-kontribuzzjoni ta' l-agrikolura fit-tkabbir ekonomiku, għalkemm bosta fatturi jistgħu inaqqsu l-pass ta' dan l-aġġustament. Prezzijiet agrikoli għolja jipprovdu inċentivi għall-investimenti pubbliċi u privati u programmi għat-titjib tal-produttività, tisħiħ ta' l-infrastruttura, firxa tal-produzzjoni għal art marġinali u titjib fl-effiċjenza tas-swieq agrikoli. Dan jista' jkollu effetti pożittivi fuq l-ekonomija kollha, b'żieda fid-domanda għax-xogħol u l-pagi f'żoni rurali, b'waqfien fil-migrazzjoni lejn iż-żoni urbani, tnaqqis fil-faqar, u kontribuzzjoni għas-sigurtà ta' l-ikel. Madankollu, għadd ta' fatturi jistgħu jnaqqsu l-pass ta' dan l-aġġustament. F'bosta pajjiżi, xi

[2] FAO, Prospetti tal-Ħsad u s-sitwazzjoni ta' l-Ikel, nru 2, April 2008.

forom ta' intevenzjoni mill-gvern inaqqsu l-inċentivi għall-produtturi biex jinvestu u jżidu l-produzzjoni tagħhom. Fatturi addizzjonali huma l-post ġeografiku tas-swieq, l-organizzazzjoni tagħhom, in-nuqqas ta' informazzjoni, il-poter ta' xi intermedjarji fil-katina agrikola ta' l-ikel, id-diffikultajiet fl-aċċess għaż-żerriegħa, il-fertilizzanti, u l-kreditu, kif ukoll il-livell baxx ta' investiment fl-infrastruttura rurali fil-passat. Dawn il-fatturi kollha huma ta' ħsara lill-produtturi rurali żgħar. Aġġustament fl-ekonomija rurali, li jistgħu joħolqu opportunitajiet ġodda, ser jirrikjedu żmien biex jilħqu l-fqar u biex tiżdied il-produzzjoni agrikola.

## 7. ELEMENTI GĦAL RISPONS TA' L-UE

Fil-livell ta' l-UE, l-intizjattivi ta' politika jistgħu jiżviluppaw fuq tliet linji kumplimentari ta' intervenzjoni.

(a) azzjonijiet biex jiġu indirizzati u mtaffija l-effetti fuq medda qasira u medja tax-xokk tal-prezzijiet ta' l-ikel;

(b) azzjonijiet biex tiżdied il-provvista agrikola u biex tiġi żgurata s-sigurtà ta' l-ikel fuq terminu itwal;

(c) azzjonijiet għall-kontribuzzjoni ta' l-isforz globali biex jiġu indirizzati l-effetti taż-żidiet fl-prezzijiet għall-popolazzjonijiet foqra.

**a) <u>Azzjonijiet biex jiġu mtaffija l-effetti taż-żidiet fil-prezzijiet f'terminu qasir u medju</u>**

***(1) Sorveljanza ta' l-iżvilupp tal-prezzijiet.*** Minħabba l-volatilità u l-kumplessità tax-xejriet attwali tal-prezzijiet, il-Kummissjoni ser tissorvejla mill-viċin l-iżviluppi tal-prezzijiet fl-UE u internazzjonali u ser tirrapporta sa l-aħħar tas-sena dwar l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni.

***(2) Aġġustament tal-Politika Agrikola Komuni (PAK).*** Għadd ta' aġġustamenti fil-ġestjoni tas-suq tal-PAK ġew deċiżi reċentement biex jiġu mtaffija l-isforzi taż-żidiet fil-prezzijiet. Inbigħu l-istokkijiet ta' intervenzjoni. Barra minn hekk, ittieħdu tliet passi speċifiċi biex iwieġbu direttament għal-livelli partikolarment għoljin tal-prezzijiet tas-swieq taċ-ċereali. L-ewwelnett, f'Settembru 2007 il-Kunsill iddeċieda li jissospendi għall-2008 l-obbligu għall-bdiew li jirriservaw 10% ta' l-art li tista' tinħadem. Fl-20 ta' Diċembru 2007, il-Kunsill qabel unanimament li jissospendi d-dazji fuq l-importazzjoni fuq iċ-ċereali bi ftit eċċezzjonijiet għas-sena kummerċjali attwali (għalkemm l-impatt ta' din l-istrateġija tista' tkun limitata, minħabba l-livell baxx ta' tariffi effettivi). Il-Kunsill iddeċieda wkoll li jżid il-kwota tal-ħalib b'2% mill-2008.

F'livell iktar ġenerali, appoġġ diżakkoppjat għad-dħul u r-riforma ta' organizzazzjonijiet ta' swieq individwali diġà qanqal rispons għas-sinjali tas-suq mill-bdiewa. Bosta miżuri inklużi fil-pakkett ta' Verifika tas-Saħħa adottat b'mod parallel ma' din il-Komunikazzjoni, bħal pereżempju, l-abolizzjoni ta' riserva obbligatorja u żieda gradwali fil-kwoti tal-ħalib bil-għan li dawn jġu eliminati fl-2015, għandhom l-għan li jimxu f'din id-direzzjoni u għandhom jikkontribwixxu biex itaffu s-swieq agrikoli stretti.

***(3) Azzjoni għall-persuni l-iktar fil-bżonn.*** Il-Kummissjoni ser tippreżenta programm rivedut dwar is-sigurtà ta' l-ikel għall-persuni l-iktar fil-bżonn. Il-programm ta' għajnuna fl-ikel attwali għall-persuni l-iktar fil-bżonn, li beda fl-1987, ipprovda madwar €300 miljun f'għajnuna fl-ikel fis-sena, lil madwar 13-il miljun benefiċjarju f'19-il Stat Membru.

***(4) Investigazzjoni tal-funzjonament tal-katina tal-provvista ta' l-ikel.*** Il-Kummissjoni ser twaqqaf grupp ta' ħidma biex jiġi eżaminat il-funzjoni tal-katina tal-provvista ta' l-ikel, inkluż il-konċentrazzjoni u s-segmentazzjoni tas-suq tal-bejgħ bl-imnut ta' l-ikel u s-setturi ta' distribuzzjoni fl-UE, u ser jipprovdu l-ewwel rapport dwar is-sitwazzjoni fl-aħħar ta' l-2008. B'mod partikolari, dan ser jikkontribwixxi għall-monitoraġġ tas-settur tal-bejgħ bl-imnut wara r-reviżjoni tas-Suq Uniku. Il-Kummissjoni ser tkompli wkoll taħdem fuq dawn il-kwistjonijiet fil-qrib dwar ma' l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni u tħeġġeġ Stati Membri li għanhom regolamenti restrittivi jew għandhom il-pjan li jirriformaw regolamenti restrittivi fis-settur tal-bejgħ bl-imnut biex ikomplu l-isforzi tagħhom.

***(5) Nevitaw miżuri b'effetti ta' distorsjoni.*** Minħabba l-impatt qawwi ta' żieda fil-prezzijiet ta' l-ikel fuq is-saħħa ta' akkwista tal-familja bi dħul baxx, qed isir dibattitu f'bosta Stati Membri dwar kif dawn l-effetti jistgħu ikunu - temporanjament - imtaffija. Fejn jittieħdu miżuri fuq terminu qasir sabiex jiġi mtaffi l-impatt ta' prezzijiet ta' l-ikel iktar għolja fis-sezzjonijiet l-iktar fqar tal-popolazzjoni, dawn għandhom jevitaw effetti ta' distorsjoni. Il-Kummissjoni ser issegwi mill-qrib dawn l-iżviluppi.

***(6) Analiżi ta' l-investimenti ta' spekulazzjoni.*** Il-Kummissjoni ser issegwi mill-qrib attivitajiet minn investituri spekulattivi fis-swieq finanzjarji relatati mal-prodotti bażiċi u l-impatt tagħhom fuq iċ-ċaqliq tal-prezzijiet.

**b) <u>Azzjonijiet biex tissaħħaħ il-provvista agrikola fuq terminu itwal</u>**

***(1) Tisħiħ tas-sostenibbiltà tal-politika dwar bijofjuwils ta' l-UE*** Jeħtieġ li jsiru iktar analiżi biex jiġi eżaminat kif il-miri maqbula ta' l-UE (10% tal-bijofjuwil għat-trasport sa l-2020) ser ikollu impatt fuq il-prezzijiet tas-swieq agrikoli u l-użu ta' l-art. Madankollu, simulazzjonijiet juru li l-konsegwenza ta' sehem dejjem jijber ta' bijofjuwils minn 1% fl-2005 sa 10% fl-2020 huwa ta' żieda ta' 30 miljun tunnellata fl-użu għall-ġwież. Meta jitqiesu l-prodotti sekondarji, dan ifisser żieda ta' 4 miljun tunnellata fis-sena fuq perjodu ta' 15-il sena. Sa l-2020, dan jista' jfisser żieda fil-prezzijiet taċ-ċereali ta' madwar 3-6%, taż-żerriegħa tar-rapa madwar 8-10% u taż-żerriegħa tal-ġirasol 15% meta mqabbla ma' l-2006, jekk wieħed jassumi li s-sehem ta' 30% tal-provvista huwa pprovdut minn bijofjuwils tat-tieni ġenerazzjoni. Iżda dawn l-impatti ser ikunu limitati permezz ta' l-użu dejjem jikber ta' bijofjuwils tat-tieni ġenerazzjoni li huwa mħeġġeġ mill-politika ta' l-UE. Bijofjuwils tat-tieni ġenerazzjoni huma prodotti minn ġwież mhux biss minn ħsad għall-ikel, u jistgħu jiġu derivati mhux biss minn ħsad iddedikat għall-enerġija, iżda wkoll mir-reċiklaġġ ta' sorsi bħaż-żejt veġetali, xaħam ta' l-annimali, prodotti sekondarji ta' industriji bbażati fuw il-foresterija, fdalijiet tal-foresterija, skart solidu u ħxejjex.

*(2) **Il-promozzjoni tal-produzzjoni sostenibbli tal-bijofjuwils fil-livell internazzjonali.** Il-politika ta' l-UE dwar il-bijofjuwils hija dejjem iktar parti mit-tendenza globali biex tiġi mħeġġa l-produzzjoni tal-bijofjuwils. Politiki proattivi għall-bijofjuwils huma segwiti b'mod partikolari mill-Istati Uniti, kif ukoll mill-Brażil, mill-Indja, miċ-Ċina u minn pajjiżi oħra. Ibbażat fuq politiki eżistenti, huwa mistenni li sa l-2016 l-użu ta' ettari ta' art għall-qamħ għal bijoetanolu fl-Istati Uniti ser jiżdied b'43% fuq il-ħsad nazzjonali totali tal-qamħirrun fl-2004. Ir-riskju identifikat minn uħud mill-analiżi huwa li d-domanda għall-bijofjuwils ser tintlaħaq mhux billi jiġi sfruttat l-iskop mifrux għal żidiet fil-produttività, iżda billi jiġu spustjati l-ħsad għall-ikel. Sabiex jiġi minimizzat dan ir-riskju fl-UE element ewlieni fil-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva għal Enerġija Sostenibbli huwa l-iskema ta' sostenibbiltà tal-bijofjuwils, li tkopri l-effetti tal-gassijiet b'effett serra, il-bijodiversità u l-impatt fuq l-użu ta' l-art. L-iskema ser tinkludi wkoll segwiment regolari u rappurtaġġ dwar firxa wiegħa ta' effetti ekonomiċi, soċjali u ambjentali, inkluż effetti pożittivi u negattivi fuq is-sigurtà ta' l-ikel. L-iskema proposta ser tapplika kemm għall-bijofjuwils prodotti mill-UE kif ukoll għal dawk li jiġu importati u hija kompatibbli bis-sħiħ ma' l-impenji ta' l-UE skond regoli internazzjonali tal-kummerċ. Bl-inkoraġġiment ta' l-adozzjoni ta' kriterji sostenibbli simili minn konsumaturi u produtturi ta' bijofjuwils barra mill-UE u billi jiġi mħeġġeġ attivatment l-iżvilupp globali ta' bijofjuwils tat-tieni u t-tielet ġenerazzjoni, l-UE tista' tagħmel kontribut validu fit-tfassil ta' l-iżvilupp futur tal-bijofjuwils.*

***(3) Tisħiħ tar-riċerka agrikola u l-ġenerazzjoni ta' għarfien relatat*** għat-titjib tat-tkabbir sostenibbli fil-produttività fl-agrikoltura kemm fl-Ewropa kif ukoll fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw permezz ta', pereżempju, varjetajiet ġodda ta' prodotti ta' l-uċuħ u sistemi mtejba ta' produzzjoni ta' l-uċuħ bi ħsad iktar għoli u stabbli, l-użu iktar effiċjenti ta' l-ilma, reżistenza ikbar għall-mard u l-pressjoni ambjentali u inqas bżonn tal-pestiċidji. Il-Kummissjoni ser tkompli tiffaċilita l-koordinazzjoni bejn Stati Membri u tipprovdi opportunitajiet għal riċerka kollaborativa bejn l-Ewropa u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw permezz tas-7 Programm Qafas għar-Riċerka. Barra minn hekk, ser tkompli tagħti l-appoġġ qawwi tagħha għas-sistema ta' riċerka agrikola internazzjonali (b'mod partikolari l-Grupp Konsultattiv dwar Riċerka Agrikola Internazzjonali, CGIAR), li bħalissa huwa ta' madwar €32.5 miljun, bil-għan li jiġi rdoppjat mill-2008, għal madwar €63 miljun fis-sena għat-tliet snin li jmiss.

***(4) Tkompli l-politika miftuħa iżda viġilanti ta' l-OĠM.*** Il-kultivazzjoni ta' l-OĠM tkompli tinfirex f'pajjiżi terzi, u d-domanda għall-fażola tas-sojja u l-qamħ tas-sojja qed tikber, inkluż fl-UE, fejn is-settur ta' l-annimali tat-trobbija huwa dipendenti ħafna fuq importazzjonijiet ta' proteini tal-pjanti, l-iktar il-fażola tas-sojja u l-prodotti derivati. Il-kultivazzjoni ta' l-OĠM hija limitata fl-Ewropa, kemm għall-produzzjoni tal-ġwież kif ukoll għall-produzzjoni tal-bijofjuwils, meta mqabbla ma' l-espanjoni mgħaġġla fil-livell dinji. Il-qafas legali ta' l-UE jipprovdi awtorizzazzjoni ta' qabel il-fażi tal-kummerċjalizzazzjoni ta' l-OĠM, abbażi ta' standards għall-awtorizzazzjoni effettivi u bbażati fuq ix-xjenza, u b'hekk l-UE għandha sistema stretta ta' awtorizzazzjoni. Il-Kummissjoni ser tkompli timplimenta din il-leġiżlazzjoni, li għandha x'taqsam ma' talbiet għal awtorizzazzjoni, u, fiċ-ċirkostanzi partikolari attwali, ser tagħti attenzjoni partikolari għall-kwistjoni ta' importazzjoni tal-ġwież, skond il-proċeduri stipulati fil-leġiżlazzjoni.

**(c) Azzjonijiet biex jiġu indirizzati l-effetti tal-kriżi f'livell internazzjonali**

***(1) Tkompli l-promozzjoni ta' politika ta' kummerċ miftuħ u l-ħidma lejn konklużjoni kmieni ta' l-Aġenda ta' Żvilupp ta' Doħa (DDA).*** Pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom benefiċċji potenzjali sinjifikanti mir-Rawnd tad-Doħa f'termini ta' opportunitajiet ġodda fis-swieq, li jistgħu jiġġeneraw dħul addizzjonali ta' esportazzjoni, jistimolaw il-produzzjoni agrikola u jiffaċilitaw l-aċċess għall-prodotti ta' l-ikel, u b'hekk itaffu d-diffikultajiet attwali fil-prezzijiet ta' l-ikel. L-UE diġà tat aċċess bla dazju u bla kwoti b'mod awtonomu lill-pajjiżi l-inqas żviluppati. L-istess strateġija issa ġiet estiża lill-pajjiż tal-PAK fil-qafas ta' Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (EPAs). Il-kwistjoni ta' l-impatt negattiv fuq ir-restrizzjonijiet ta' esportazzjoni għandha tiġi diskussa fil-laqgħat rilevanti li ġejjin tal-WTO u f'fora internazzjonali rilevanti oħra.

***(2) Tibqa' lesta biex iżżomm l-impenji umanitarji ta' l-UE u żżid il-kontribut ta' l-UE fl-isforz globali biex jiġu indirizzati l-effett tal-kriżi fuq il-popolazzjonijiet foqra.*** Organizzazzjonijiet internazzjonali ewlenin (il-WFP, il-FAO, Il-Bank Dinji, l-IMF) qed javżaw li dalwaqt jista' jkun hemm kriżi umanitarja, ikkawżata mhux min-nuqqas ta' l-ikel iżda minn deterjorament fl-aċċess għall-ikel għall-popolazzjonijiet l-iktar vulnerabbli. L-impatt taż-żieda fil-prezzijiet ta' l-ikel fuq kunsinni ta' għajnuna fl-ikel ġew imtaffija biss parzjalment mil-livelli dejjem jiżdiedu ta' riżorsi minn donaturi. Il-WFP appella għal madwar $750 miljun f'finazjament addizzjonali biex jgħin fiż-żamma ta' l-għajnuna fl-ikel għall-każijiet umanitarji u għall-iżvilupp ippjanati fl-2008, li s'issa ntlaħqu biss parzjalment. Aġenziji oħra tan-NU, aġenziji tas-Salib l-Aħmar u NĠOs huma affetwati b'mod simili biż-żidiet fl-ispejjeż operattivi. Id-differenza bejn ir-riżorsi disponibbli u l-operazzjonijiet li jiswew dejjem iktar ser tikber. Fl-2008, il-Kummissjoni s'issa mobilizzat €333 miljun għal għajnuna fuq terminu qasir. Il-Kummissjoni ser issegwi mill-qrib l-evoluzzjoni tal-ħtiġiet ta' l-għajnuna umanitarja, u qed tikkunsidra mezzi kif ser timmobilizza fondi addizzjonali biex tikkontribwixxi f'inizjattivi attwali jew ippjanati ta' organizzazzjonijiet internazzjonali; kif ukoll biex mill-2008 sa l-2010 twieġeb għal ħtiġiet umanitarji mhux previsti.

***(3) Sostenn għal rispons strutturali fuq terminu medju u twil permezz tal-politika ta' żvilupp ta' l-UE.*** Fuq terminu itwal rispons fil-provvista fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw tista' twassal għal tisħiħ tal-politiki u investimenti fl-iżvilupp rurali, fis-sigurtà fl-ikel u fl-agrikoltura. Il-programmi ta' l-UE għall-kooperazzjoni fl-Iżvilupp ser isostnu din l-istrateġija. L-Iżvilupp rurali, is-sigurtà agrikola u/jew ta' l-ikel diġà intgħażlu min-numru dejjem jikber ta' pajjiż Afrikani (22) bħala setturi ċentrali għal appoġġ taħt l-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp (2008-2013). Is-sostenn komunitarju f'dan il-qasam għandu jilħaq madwar 3.5 biljun fil-ħames snin li ġejjin. Il-Programm Tematiku dwar is-Sigurtà fl-Ikel jsostni intervenzjoni fil-livell globali, kontinentali u reġjonali għat-titjib tas-sigurtà fl-ikel favur l-iktar foqra, li jiżgura koerenza, kumplimentarjetà u kontinwità ta' l-intervenzjonijiet Komunitarji, inkluż fil-qasam tat-tranżizzjoni minn għajnuna għal żvilupp. Ir-rispons fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp jista' jipproċedi fuq żewġ binarji: l-ewwel, tkun sostnuta sistema ta' protezzjoni, inkluż ta' pagamenti (flus) għal ħarsien soċjali dirett għall-foqra (urbani u rurali) sabiex ikunu jistgħu jiffaċċjaw ix-xokkijiet u l-prezzijiet għolja fit-tul; u t-tieni, l-agrikoltura ssir prijorità akbar fil-programmi ta' żvilupp, b'miżuri biex iħeġġu ż-żieda fil-produttività fost il-produtturi, speċjalment il-bdiewa żgħar. Is-sostenn ta' rispons tal-provvista mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw stess jeħtieġ investiment fl-ambjent li jippermetti għas-settur, notevolment fl-infrastruttura rurali, kif ukoll fir-riformi tal-politiki agrikoli, l-istituzzjonijiet u s-sistemi ta' ġestjoni ta' l-art. L-espansjoni ta' investimenti fil-programmi ta' riċerka agrikola hija wkoll importanti biex tiżdied il-produttività agrikola sabiex tinkiseb is-sigurtà fl-ikel fuq terminu medju u fit-tul.

***(4) Il-promozzjoni ta' kontribut koordinat mill-UE bħala rispons internazzjonali***. L-UE tagħti l-appoġġ sħiħ tagħha għall-inizjattivi li ġew imnedija reċentement taħt l-awspiċji tan-NU u tippromwovi iktar azzjoni biex jiġi żgurat rispons multilaterali effettiv, li jkun kapaċi jillimita x-xogħol doppju, u li jiżgura effiċjenza massima kif ukoll jantiċipa żviluppi simili fil-futur. Strateġija koordinata bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha hija meħtieġ biex tkun żgurata l-kumplimentarjetà u d-diviżjoni tax-xogħol.

***(5) Żidiet fil-prezzijiet ta' l-ikel u prodotti bażiċi, jekk jibqgħu fit-tul taż-żmien, jistgħu jkollhom implikazzjonijiet kemm fuq is-sigurtà dinjija kif ukoll dik ta' l-UE***, inkluż it-theddida ta' kunflitti minħabba riżorsi skarsi u żieda fil-moviment tal-persuni. Għalhekk din il-kwistjoni għandha tiġi kkunsidrata wkoll fir-rieżaminazzjoni ta' l-Istrateġija Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-2003.

## 8. KONKLUŻJONIJIET

Il-Kummissjoni Ewropea ser tkompli ssegwi l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni u r-raġunijiet għaż-żieda fil-prezzijiet ta' l-ikel. Hija tistieden lill-Kunsill Ewropew biex japprova d-direzzjonijiet ta' politika proposti f'din il-Komunikazzjoni u biex isiru l-bażi ħalli jkunu indirizzati l-isfida taż-żieda fil-prezzijiet ta' l-ikel fl-UE u fuq livell internazzjonali.